# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Lulju, 2020.**

**Numru 18**

**Rikors numru 20/16 JRM**

**Roderick Castillo**

**v.**

**Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**

1. L-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija appellaw minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-15 ta' Novembru 2018 li biha l-Qorti ddeċidiet li ser ikun hemm ksur tal-jedd għal smigħ xieraq jekk fil-kawża **Il-Pulizija v. Roderick Castillo** tintuża bħala prova kontra l-appellat l-istqarrija li ta lill-pulizija mingħajr ma kellu l-assistenza ta' avukat. Għalhekk ordnat:

*"Tipprovdi dwar it-tieni talba attriċi billi tordna li ma jista' jsir ebda użu mill-istqarrija tar-rikorrent u li din titneħħa mill-atti proċesswali tal-każ li qiegħed jitmexxa kontrih quddiem il-Qorti ta' kompetenza kriminali, bħalma trid titneħħa wkoll kull xhieda mogħtija matul dak il-proċediment li ssemmi l-kontenut tal-istess stqarrija"*.

2. F'dan ir-rigward l-ewwel Qorti irraġunat:-

*"Illi għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur taħt l-artikolu 6 tal- Konvenzjoni, fil-partijiet rilevanti tiegħu għal dan il-każ, dan jipprovdi li: "(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u ta' l-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. .. ..; (2) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skond il-liġi; (3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin ... (ċ) li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l- interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk";*

*"Illi normalment, l-imsemmi artikolu jinqara flimkien mal-artikolu 6(1) tal-istess Konvenzjoni. Dan jingħad għaliex "the specific enumeration in the third paragraph for criminal proceedings does not imply that an examination for compatibility with the third paragraph makes an examination for compatibility with the first paragraph superfluous, since the guarantees contained in the third paragraph of Article 6 are constituent elements, inter alia, of the general notion of a fair trial. The enumeration of the third paragraph is not limitative in that respect, and it is therefore possible that, although the guarantees mentioned there have been satisfied, the trial as a whole still does not satisfy the requirements of a fair trial";*

*"Illi f'dan ir-rigward, għalhekk, jidher ċar li l-applikabilità tal- ħarsien tal-jedd għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni hija usa' minn dik mogħtija għall-istess jedd taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Dan ukoll għaliex l-effetti tal-artikolu tal-Konvenzjoni jistgħu jiddaħħlu fis-seħħ dwar stħarriġ ta' lment ta' ksur ta' jedd għal smigħ xieraq sa minn qabel mal- każ jitressaq għal smigħ quddiem qorti, jekk kemm-il darba jintwera li l- proċediment x'aktarx ikun serjament kompromess b'xi nuqqas ta' tħaris fi stadju bikri ta' xi wieħed mid-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu;*

*"Illi llum il-ġurnata jidher li ma għad fadal l-ebda dubju li, għall- finijiet tal-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni, l-jedd li wieħed ikun mgħejjun minn avukat magħżul minnu nnifsu jew imqabbad għalih b'xejn meta ma jkollux minn fejn iħallas avukat, jibda jgħodd sa minn qabel is-smigħ*

*proprju tal-każ kriminali. Jidher li din it-tifsira ħarġet mill-fatt li ladarba l-ħarsien tal-jedd ta' smigħ xieraq fejn jidħol it-tul taż-żmien ta' kawża taħt l-artikolu 6(1) jgħodd f'kull stadju tal-proċediment, ma jistax jonqos li l-istess firxa tal-artikolu 6 ma tkunx tgħodd ukoll għal dawk il-garanziji minimi li l-persuna suġġetta għall- proċediment kriminali għandha jedd tgawdi taħt is-sub-artikolu (3) tal-imsemmi artikolu. Jidher li l-jedd li persuna tkun mgħejjuna minn avukat imqar waqt il- fażi tal-interrogazzjoni huwa b'rispett għad-dritt li l-ebda persuna ma għandha titħalla jew tkun imġiegħla tinkrimina lilha nnifisha;*

*"Illi maż-żmien, it-tħaddim mogħti lil dan is-sub-artikolu fejn jidħol il-jedd ta' għajnuna ta' avukat ukoll fil-waqt li l-persuna tkun għadha miżmuma mqar b'suspett ta' twettiq ta' reat jew waqt l-istħarriġ tal-istess reat, u qabel ma jkunu nħarġu kontra tagħha akkużi speċifiċi, twessa' biex jinkludi l-waqt fejn dik il-persuna tkun intalbet u tkun tat stqarrija lill-Pulizija u dan biex jingħata ħarsien "prattiku u effettiv" lill-imsemmi jedd. Dan il-jedd tal-preżenza ta' avukat sa minn dak il-waqt bikri tal-"proċediment" ma jistax jiċċaħħad jekk mhux għal "raġunijiet tajbin" jew jekk il-persuna suspettata nnifisha tirrifjuta li tkun mgħejjuna minn avukat. F'dan ir-rigward ingħad li "neither the letter nor the spirit of Article 6 of the Convention prevents a person from waiving of his own free will, either expressly or tacitly, the entitlement to the guarantees of a fair trial, as long as a waiver of the right is given in an unequivocal manner and was attended by the minimum safeguards commensurate to its importance";*

*"Illi, fin-nuqqas ta' rinunzja bħal din, jaqa' fuq l-awtorità pubblika li turi kemm li kien hemm raġuni tajba biex iċċaħħad lil persuna milli tkun mgħejjuna minn avukat u kif ukoll li dik il-persuna tassew u mingħajr theddid irrinunzjat għal dak il-jedd. Din il-kwestjoni wkoll kienet mistħarrġa b'reqqa mill-ogħla Qorti tagħna u din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha għalfejn terġa' toqgħod ittenni dak li ingħad minn dik il-Qorti aktar milli tirreferi għas-sentenza relativa;*

*"Illi jidher li fejn – bħalma kienet il-qagħda f'Malta fiż-żmien rilevanti għall-każ tar-rikorrent – il-liġi ma kinitx tagħti lil persuna miżmuma jew interrogata mill-Pulizija li tikkonsulta ma' jew tkun mgħejjuna minn avukat tal-fiduċja tagħha, qabel ma tħalli stqarrija, kienet biżżejjed biex twassal għal sejbien ta' ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Minbarra dan, jidher ukoll li dawk il-prinċipji jgħoddu wkoll fejn il-proċediment kriminali ma jkunx għadu ntemm (għalkemm, f'dak il-każ, jridu jidħlu kunsiderazzjonijiet oħrajn marbuta mar-rimedjabilità tempestiva tal-użu li jista' jew ma jistax isir minn stqarrija mogħtija f'ċirkostanzi bħal dawk). F'dak ir- rigward il-fatt waħdu li fl-imsemmi proċediment intużat l-istqarrija li r-rikorrent kien ta lill-Pulizija bla ma kien ingħata l-opportunità li jikkonsulta ma' avukat tal-għażla tiegħu taf iġġib magħha s-sejbien awtomatiku ta' ksur tal-jedd tar- rikorrent dwar smigħ xieraq bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni jekk kemm-il darba dik l-istqarrija ntużat fil-proċediment bħala prova kontra min għamilha;*

*"Illi ma jirriżultax li, fil-każ tar-rikorrent, kien hemm xi raġunijiet hekk serji u partikolari (li l-QEDB tiġborhom taħt il-kliem 'compelling reasons') li jċaħħdu lir-rikorrent milli jkun mgħejjun minn avukat waqt li kien interrogat u waqt li kien qed jagħti l-istqarrija. Ir-raġuni waħdanija li dan ma sarx jidher li kienet li, dak iż-żmien, il-liġi fis-seħħ ma kinitx tħalli li persuna fil-qagħda tar-rikorrent setgħet titlob dik l-għajnuna. Ladarba huwa hekk, jiġi li dik iċ-ċaħda u dak in-nuqqas fil-liġi (li, fis-sewwa, jrid jingħad li kienet diġà għaddiet minn kull stadju fil-Parlament sa minn snin qabel imma ma nġabitx fis-seħħ) iwasslu biex ikollu jinstab li jkun hemm ksur tal-jedd kif imħares taħt dan is-sub-inċiż partikolari tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni li kieku dik l-istqarrija titħalla tintuża bħala prova kontra r-rikorrent;*

*"Illi, meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha fattwali tal-każ fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru, il-Qorti tasal għall-fehma li r- rikorrent ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq kemm taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni".*

3. Fil-5 ta' Diċembru 2018 l-intimati appellaw mis-sentenza tal-ewwel Qorti bl-aggravju jkun:

*"6 ...... mhux minnu li meta persuna tkun soġġetta għall-interrogazzjoni mingħajr l-assistenza ta' avukat ifisser ipso facto li jkun hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha u għalhekk l-awtorita' ġudizzjarja għandha xorta waħda teżamina l-fatti speċifiċi tal-każ li jkollha quddiemha.*

*"7. L-esponenti jissottomettu li r-rikorrenti bl-ebda mod ma kien imġiegħel jagħti l-istqarrija li ta. Mill-istqarrija nnifisha jirriżulta wkoll li hu ingħata twissija skont il-liġi senjatament li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq iżda li dak li kien ser igħid seta' jinġieb bħala prova kontra tiegħu kif ukoll id-dikjarazzjoni li saret 'mingħajr theddid jew, wegħdi jew promessi ta' vantaġġi'. Mill-provi jirriżulta wkoll li l-istqarrijiet ġew rilaxxati volontarjament. Ma nġabux provi li l-appellant ġie mhedded jew intimidat mill-uffiċjali li interrogawh b'hekk ma jeżistux iċ-ċirkostanzi straordinarji elenkati f'Salduz v Turkey u ċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ huwma ferm u ferm differenti.*

*"8. Illi l-appellant jirrileva li fiċ-ċirkostanzi odjerni kien hemm ukoll provi oħrajn, li jikkoraboraw it-teżi tal-prosekuzzjoni u l-ħtija tas-suspettat; liema provi xehed dwarhom l-Assistent Kummissarrju Dennis Theuma u l-provi dokumentarji preżentati mill-esponenti fis-seduta tas-6 ta' Diċembru 2016 senjatament ix-xhieda tal-istess Theuma, l-ex surġent Marisa Bartolo li sabet il-pilloli ecstasy fuq il-persuna tat-tfajla tal-appella u dan fil-preżenza tal-kuntistabbli 237 Antonella Vella apparti r-relazzjoni tal-espert xjentifiku imqabbad mill-Qorti li kkonferma li l-pilloli kienu droga.*

> *“9. L-esponenti għalhekk jissottomettu illi l-appellat ma ġarrab l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif protetti permezz tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u konsegwentement m’għandu jingħata l-ebda rimedju”.*

4. L-appellat, għalkemm notifikat, ma weġibx.

5. Il-Qorti qrat l-atti tal-kawża **Il-Pulizija v. Roderick Castillo** li huma konnessi ma’ din il-kawża.

**Fatti.**

6. Fl-10 ta’ Mejju 2008 l-appellat ta stqarrija lill-pulizija fejn ammetta li kien xtara pilloli ecstasy li kienu nstabu fuq tfajla.

7. Fl-20 ta’ April 2019 tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali u kien akkużat li ittraffika, biegħ, jew qassam l-ecstasy u kellu fil-pussess tiegħu dawk il-pilloli mingħajr awtorizazzjoni.

8. Fis-seduta tas-27 ta’ Ġunju 2011 il-partijiet iddikjaraw *“.... li l-unika prova kontra l-imputat hija l-istqarrija li huwa rrilaxxa lill-uffiċjal investigatur”*.

9. B'sentenza tal-11 ta' Diċembru 2013 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabitu ħati tal-imputazzjonijiet u kkundannatu disa' xhur priġunerija u multa ta' elf u ħames mitt euro (€1,500).

10. Fl-24 ta' Diċembru 2013 l-appellat appella mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

11. B'sentenza tas-6 ta' Novembru 2018 il-Qorti tal-Appell Kriminali laqgħet l-appell u irrevokat is-sentenza tal-ewwel Qorti u lliberat lill-appellat minn kull ħtija u piena. Dik il-Qorti rraġunat li l-istqarrija ma setgħetx tintuża bħala prova għaliex ingħatat mingħajr l-assistenza ta' avukat. Waqt il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kien ġie verbalizzat li l-unika prova kontra l-appellat kienet l-istqarrija li ta lill-pulizija. Il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet:

> *"Illi l-appellant kien irrilaxxa l-istqarrija tiegħu fl-10 ta' Mejju 2008 meta ma kienx għadu hemm id-dritt tal-assistenza legali. Dan il-kunċett daħal in vigore fi Frar tas-sena 2010.*
>
> *"Illi din il-Qorti m'għandhiex għalfejn tidħol aktar fil-fond fir-riformi li saru reċentement f'dan il-qasam. Hu biżżejjed li għamel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet The Republic of Malta vs Chukwudi Samuel Onyeabor deċiż fl-1 ta' Diċembru 2016. F'dan il-każ il-Qorti kkonfermat is-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali li ordnat l-isfilz tal-istqarrija tal-akkużat mill-atti tal-ġuri.*
>
> *"Illi a bażi ta' din is-sentenza din il-Qorti mhix qed tagħti każ tal-istqarrija li l-appellant għamel lill-uffiċjali investigattiv.*
>
> *"Illi ma hemm ebda prova oħra fl-atti ta' dan il-każ għajr għall-istqarrija".*

**Konsiderazzjoni.**

12. Il-Qorti qrat l-atti tal-proċeduri kriminali u tikkonferma li l-unika prova li kien hemm kontra l-appellat kienet l-istqarrija li ta lill-pulizija f'Mejju 2008. Mingħajr dik l-istqarrija l-ebda Qorti ma kienet issib ħtija. Hu veru li l-pulizija sabu d-droga fuq tfajla (VB), pero` dik mhijiex prova li l-appellat kien ħati tal-akkużi. Hu minnu li xehed l-ispettur Dennis Theuma u kkonferma li VB kienet għenet fl-investigazzjoni u,

> *"..... li ħbiet il-pilloli allegatament ecstasy li nstabu fil-pussess tagħha kien tahomlha ċertu Roderick Castillo, is-sur Castillo ġie rintraċċjat u inġieb il-kwartieri ġenerali tal-pulizija biex ovvjament jiġi ċċarat ir-rwol tiegħu fl-allegazzjonijiet sa dak l-istadju li kienet qed tagħmel Victoria Buhagiar"*.

13. Madankollu l-Prosekuzzjoni ma ressqitx lil VB bħala xhud. Dak li xehed l-ispettur Theuma ma setax iservi bħala prova kontra l-appellat għaliex ix-xhud sempliċement qal x'qaltlu x-xhud prinċipali. Tant il-Prosekuzzjoni kienet konsapevoli minn dak il-fatt li fis-seduta tas-27 ta' Ġunju 2011 il-Prosekuzzjoni kkonfermat li l-istqarrija kienet l-unika prova kontra l-imputat.

14. Fir-rikors tal-appell l-appellati għamlu referenza għal dokumenti li ppreżenta fis-6 ta' Diċembru 2016 u l-verżjoni li tat Marisa Bartolo. Ma jirriżultax li l-imsemmija persuna xehdet fil-kawża kriminali. Dwar id-dokumenti li l-appellanti ppreżentaw fis-6 ta' Diċembru 2016, kopja ta'

dokumenti u xhieda li nstemgħet fil-kawża kriminali. Pero` jibqa' l-fatt li l-unika prova kontra l-appellat kienet l-istqarrija tiegħu stess u xejn iktar.

15. Qabel ingħatat is-sentenza mill-Prim'Awla fil-15 ta' Novembru 2018 ħadd mid-difensuri ma għarraf lil dik il-Qorti li l-każ quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali kien ġie deċiż fis-6 ta' Novembru 2018.

16. Hu minnu li: -

i. Meta ttieħdet l-istqarrija l-appellat kellu 28 sena, ma jirriżultax li kien persuna vulnerabbli, u kellu diġa` erba' kundanni tal-Qrati, waħda minnhom dwar serq u oħra dwar pussess ta' eroina.

ii. Fl-ebda stadju tal-proċeduri m'allega li kien ġie mhedded jew intimidat sabiex jagħmel l-istqarrija.

17. M'hemmx dubju li f'dan il-każ l-istqarrija li ta l-appellat kienet il-prova reġina, għaliex fiha ammetta li:

i. Il-pilloli ecstasy li l-pulizija sabet fuq VB kienu tiegħu;

ii. Kien xtara dawk il-pilloli;

iii. Kien ta l-pilloli lil VB biex idaħħalhom f'party;

18. L-istqarrija hi iffirmata u fiha hemm dikjarazzjoni li:-

> *"Din l-istqarrija għamiltha volontarjament, mingħajr theddid, jew wegħdi jew promessi ta' xi vantaġġi jew favuri u wara li qrajtha nikkonferma li ma rridx inżid jew innaqqas jew inbiddel xejn minnha u nagħżel li niffirma"*.

19. Għalkemm bl-Att III tal-2002 ġie introdott id-dritt għall-assistenza legali fl-istadju ta' qabel il-proċeduri kriminali, kien biss fis-sena 2010 li ġiet fis-seħħ (ara Avviż Legali 35 tal-2010). Qabel dakinhar, il-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi għad-dritt ta' assistenza ta' avukat fl-istadju ta' qabel il-proċeduri kriminali u ċioe` waqt li ssir interrogazzjoni mill-pulizija. Pero` jirriżulta mill-istess stqarrija li hi iffirmata mill-appellat, li ngħata twissija li ma kellux obbligu li jwieġeb u li dak li jgħid jista' jinġieb bi prova.

20. Hu evidenti li f'dan il-każ l-appellat ma ngħatax aċċess għall-avukat qabel u waqt l-interrogazzjoni għaliex dak iż-żmien il-liġi ma kinitx tikkontempla għal dak il-jedd. Għalhekk dan ma kienx każ li l-appellat ma setax jitkellem ma' avukat minħabba dak li fil-ġurisprudenza tal-QEDB jirreferu għalihom bħala *'compelling reasons'*. F'kull każ ma kien hemm l-ebda *compelling reasons*, meta tikkonsidra li l-każ kien jitratta dwar tliet pilloli *ecstasy*.

21. Il-persuna suspettata għandha l-jedd tas-silenzju u li ma tgħid xejn li bih tista' tinkrimina lilha innifisha. Fis-sentenza ta' **Beuze v. Belgium** (71409/10) il-QEDB qalet li meta teżamina l-proċeduri *'as a whole'* biex

tanalizza n-nuqqasijiet proċedurali fl-istadju ta' qabel il-proċeduri kriminali, għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni diversi fatturi fosthom:

> *"(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*
>
> *"(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*
>
> *"(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*
>
> *"(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*
>
> *"(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*
>
> *"(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*
>
> ***"(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case**;*
>
> *"(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;*
>
> *"(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*
>
> *"(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice (ibid., § 150)".*

22. L-għan wara l-jedd għall-assistenza ta' avukat hu fost'oħrajn li wieħed ikollu l-opportunita` li jipprepara ruħu għall-interrogazzjoni li tkun ser issirlu. Quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta'

Ġudikatura Kriminali l-istqarrija kienet l-unika prova li a bażi tagħha dik il-Qorti ddeċidiet li l-appellat kien ħati tal-akkużi. Fil-fatt kif diġa` ntqal, fl-atti ma kienx hemm provi oħra li setgħu jwasslu sabiex l-appellat jinstab ħati tal-akkużi.

23. Is-sejbien ta' ħtija bil-prova tkun biss l-istqarrija li ttieħdet mingħajr l-appellat ikollu l-opportunita` li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni, tkun fiha innifisha kontra l-jedd li persuna ma tinkriminax lilha innifisha. Dan fih innifsu ġie deskritt mill-QEDB bħala *'a procedural defect'* (ara sentenza ta' Beuze). Fis-sentenza **Mehmet Zekl Celebl v. Turkey** (27582/07) tat-28 ta' Jannar 2020, il-QEDB qalet ukoll li:-

> *"66. In sum, the prejudice caused to the overall fairness of the proceedings by the restriction of the right to a lawyer cannot be undone merely by an applicant's confirmation of his or her earlier statements given in the absence of a lawyer at a later stage and in the presence of a lawyer, **unless that flaw is sufficiently addressed and remedied by the national courts, that is to say by exclusion of statements taken without a lawyer present** (see Beuze, cited above, § 171; Chopenko v. Ukraine, no. 17735/06, § 52, 15 January 2015; and Titarenko v. Ukraine, no. 31720/02, § 87 in fine, 20 September 2012)".*

24. Fil-każ in eżami l-appellat agħżel, kif kellu dritt, li waqt il-kawża kriminali ma jixhedx. Għalhekk ma kienx hemm paragun maċ-ċirkostanzi fil-kawża **Farrugia v. Malta** (63041/13) tal-4 ta' Ġunju, 2019 li fiha l-QEDB qalet:

> *"118. However, the nature of the statements and their use is of particular relevance in the present case. The Court notes that **they did not contain any confessions nor was their content self-***

> ***incriminating**. However, the privilege against self-incrimination is not confined to actual confessions or to remarks which are directly incriminating; **for statements to be regarded as self-incriminating it is sufficient for them to have substantially affected the accused's position** (see, for example, Schmid-Laffer v. Switzerland, no. 41269/08, § 37, 16 June 2015). Indeed, the statements given by the applicant, at pre-trial stage in the absence of a lawyer, were relied on by the Court of Criminal Appeal in connection with the applicant's credibility. In particular, in its judgment the Court of Criminal Appeal had noted certain inconsistencies in his statements of 1 and 2 February 2002 (see paragraph 22 above) and it had considered that he was not reliable as the applicant had replied in an evasive and hesitant way to police questions concerning his business, profitability, rent, and profits of the previous year (see paragraph 26 above). **Nevertheless, the Court cannot but note that the Court of Criminal Appeal had found that A.F.'s statements had been enough to determine the applicant's guilt.** In consequence its assessment of the applicant's credibility on the basis of his pre-trial statements can be considered as having been made ex abundanti cautela (out of an abundance of caution). In the light of the Court of Criminal Appeal's finding concerning the sufficiency of A.F.'s statements, the Court considers that the use it made of the applicant's statements to assess his credibility cannot be considered as having substantially affected his position".*

25. F'dak il-każ is-sejbien ta' ħtija tal-appellant ma kinitx bażata biss fuq l-istqarrijiet tal-akkużat, u kien għalhekk li l-QEDB ikkonkludiet li l-użu li sar minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali għal dak li jirrigwarda l-kredibilita`, *".... cannot be considered as having substantially affected his position"*. Ovvjament mhux l-istess fil-każ in eżami fejn l-istqarrija kienet l-unika prova kontra l-appellat, u l-Qorti tal-Appell Kriminali għamlet sew meta rrimedjat għal dak in-nuqqas proċedurali billi fis-sentenza qalet li *".... mhix qiegħda tagħti każ tal-istqarrija li l-appellant għamell lill-uffiċjal investigattiv"*. Dak kien rimedju opportun għad-difett proċedurali fir-rigward tal-jedd li wieħed ma jinkriminax lilu innifsu wkoll fl-istadju ta' qabel beda l-proċess kriminali.

26. Madankollu, hemm ġurisprudenza tal-QEDB li jrid isir eżami tal-proċeduri kollha (*'entirety of the proceedings'*). F'dan ir-rigward hi s-sentenza **Beuze v. Belgium**.

27. Is-sentenza tal-Prim'Awla tal-15 ta' Novembru 2018 kienet fis-sens li tilqa' l-ewwel talba tal-appellat fis-sens li:-

> *"..... billi ssib li l-jedd għal smigħ xieraq tar-rikorrent, kemm taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni, jinkiser jekk kemm-il darba jsir użu mill-istqarrija li r-rikorrent ta bla ma kien mgħejjun minn avukat"*.

28. Kien meta l-kawża kostituzzjonali kienet differita għas-sentenza, li seħħ żvilupp importanti għall-eżitu ta' din il-kawża. Il-Qorti tal-Appell Kriminali tat sentenza li biha skartat għal kollox l-istqarrija li ta l-appellat lill-pulizija proprju minħabba li ma kienx assistit minn avukat. Dan wassal sabiex l-appellat jinħeles mill-akkużi kollha proprju minħabba nuqqas ta' provi. B'hekk ġie li bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali l-appellat ingħata rimedju minn qorti ordinarja qabel is-sentenza tal-Prim'Awla tal-15 ta' Novembru 2018. Fatt li ħadd mill-partijiet ma indenja ruħu li jġib a konjizzjoni tal-ewwel Qorti. B'dik is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali ma baqax iktar il-periklu li l-appellat jinstab ħati tal-akkużi a bażi tal-istqarrija li ta lill-pulizija fl-10 ta' Mejju 2008. Sentenza li ovvjament saret ġudikat kif ingħatat. Sakemm ingħatat is-sentenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali kien għadu jeżisti periklu li l-appellat isofri ksur tal-jedd għal smigħ xieraq jekk tintuża l-istqarrija bħala prova. Pero` dak il-periklu

spiċċa għal kollox hekk kif ingħatat is-sentenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali u li biha l-appellat ġie liberat mill-akkużi kollha. Sentenza li kif rajna ngħatat fis-6 ta' Ottubru 2018, ċioe` ġranet qabel is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali l-appellat ingħata rimedju definittiv u effettiv. B'hekk minkejja dak li ġara fl-istadju meta l-appellat ta l-istqarrija, xorta *'on the whole'* kellu smigħ xieraq b'dak li ġara fl-istadju tal-appell. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti ser tħassar is-sentenza tal-ewwel Qorti.

Għal dawn il-motivi minħabba l-iżvilupp li seħħ qabel ingħatat is-sentenza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali u tħassar is-sentenza tal-istess Qorti tal-15 ta' Novembru 2018 u tiċħad it-talbiet tal-appellat.

Spejjeż taż-żewġ istanzi jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm